# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar Il-Gimgha, 29 ta' Marzu, 2019**

**Numru 31**

**Rikors numru 337/18JPG**

**Claude Zammit, Justin Zammit u Andrew Zammit**

**v.**

**Saviour Micallef, Herman Sant, Joan Mizzi bhala eredi ta' Alfred Mizzi, Clint Galea u Topfresh Trading Ltd (C43592)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-ezekutat Clint Galea fejn qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni a bazi tal-artikoli 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; din it-talba giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghaliex il-

kawza fil-mertu giet gia` deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili izda sar appell mis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti.

Naturalment il-kontro parti qed jopponu ghal din it-talba.

Ikkunsidrat;

Illi dan il-mandat inhareg f'Mejju 2013 u s-sentenza imsemmija inghatat fl-4 ta' Ottubru 2017. Fl-istess sentenza ir-rikorrenti odjern gie mehlus mill-osservanza tal-gudizzju ghar-ragunijiet moghtija mill-istess Qorti u cioe`;.

> *"fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intimati huma garanti tas-socjeta` intimata jinghad sintetikament is-segwenti:*
>
> *"Illi din l-affermazzjoni tar-rikorrenti, (ara foll 1), mhix suffragata mill-iskrittura privata tat-12 ta' Marzu, 2010, …………………..*

Illi l-artiklu 1929 tal-Kap 16 de quo jistipula s-segwenti:

> "Il-garanzija ma tistax tkun prezunta, izda ghandha tkun espressa; u ma tistax tinhareg barra mill-li*miti li fihom tkun giet ikkuntrattata"*

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghax-xhieda tal-intimat Saviour Micallef datata l-4 ta' Frar, 2016, (ara foll 165), fejn qal is-segwenti:

> "...illi l-erbgha li ahna hemm indikati ghamilna tajjeb ghas-self personalment";

Illi in vista ta' dak suespost fil-paragrafu precedenti ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **J.T.C. Pisani Limited vs. Nicholsons The Supermarket Limited et**, datata t-**30 t'Ottubru, 2003**, li ssottolineat is-segwenti:

> "Kif qalet din il-qorti fil-kawza **Xuereb vs. Cremona** deciza fis-**7 ta' Marzu, 1957**, (**Vol. XLI. II. 924**, il-kliem 'ahna naghmlu tajjeb ghalih' ma jindikawx assunzjoni ta' dejn, izda ghoti ta' garanzija, li, pero`, hija nulla ghax ma tirrizultax bil-miktub";

Illi f'dan ir-rigward wkoll issir referenza ghall-artiklu 1233 tal-Kap 16 tal-ligijiet de quo li jistabbilixxi s- segwenti:

> "(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullita` -
>
> "(c) il-garanziji";

Illi in effetti l-garanzija in dizamina ma tirrizultax li giet redatta mill-partijiet koncernati;

Illi konsegwentement ma jistax allura jinghad li l-intimati kienu effettivament dahlu garanti ghad-dejn tas-socjeta` intimata minnhom rapprezentata fl-iskrittura **de quo**;

Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Spiteri vs Darmanin** (25 ta' Awwissu 2010): *"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat.*"

L-istess Qorti f'dawk il-proceduri qalet ukoll: *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat****, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*"

Il-Qorti ezaminat ir-rikors tal-imsemmi Clint Galea u fil-verita` hafna mill-argumenti imressqa fl-istess rikors jirrelataw dwar il-mertu tal-kaz. Kif issemma din hija materja li din il-Qorti ghad trid tinvestiga ulterjorment fis-smigh tal-appell – anzi kieku din il-Qorti taghmel hekk f'dan l-istadju tkun qed tesprimi opinjoni cara dwar l-appell. Huwa minnu li s-

sitwazzjoni illum hija differenti ghaliex inghatat sentenza mill-Prim Awla, madankollu din ghadha ma ghaddietx in gudikat ghaliex sar l-appell.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors tat-13 ta' April 2018 a spejjez tal-istess rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr